MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2014

Talba Numru. 339/2010

**Lighthouse Communications Limited**
**C-21425**

**vs**

**Micallef Joseph**
**ID-168357-M**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob is-somma ta' elf mitejn u sittax-il ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€1,216.23c) rapprezentanti prezz ta' servizzi rezi lill-konvenut fuq ordnijiet tieghu stess u li baqa' ma thallasx; Minkejja li gie interpellat ihallas diversi drabi dan baqa' inadempjenti (ara kopja tal-ittra bonarja datata 3 ta' Awwissu, 2009, annessa u mmarkata bhala Dok.B); Qed jintalbu wkoll l-imghaxijiet dekoribbli mid-dati tal-fatturi relattivi (indikata fuq il-prospett anness u mmarkat Dok.A) sad-data tal-effettiv pagament, bl-oghla rati permessi mil-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt in subizzjoni, inkluzi dawk ta’ l-ittra bonarja fuq imsemmija u l-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju li qed jigi pprezentat kontestwalment ma’ dan l-avviz.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha eccepixxa illi qabel xejn l-ammont pretiz mhux dovut kollu stante illi l-invoice datata 21 ta’ Dicembru, 2007 fl-ammont ta’ sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€16.47c) hija debitament imhallsa. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni hija s-socjeta’ attrici li hija debitrici tal-konvenut stante li kkawzat danni kif pretiz fl-annessa kontro-talba. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-kontro-talba tal-konvenut rikonvenjenti, li permezz taghha ddikjara illi s-socjeta’ attrici ppubblikat fiq il-magazine taghha reklam identiku fuq inkarigu ta’ kompetitur tal-konvenut. Illi dan agir ikkawza danni lill-konvenut. It-Tribunal huaw mitlub li:- (i) jiddikjara illi s-socjeta’ attrici kkawzat danni lill-konvenut, minhabba dak hawn fuq premess, (ii) tillikwida d-danni sofferti mill-konvenut, (iii) tikkundanna lis-socjeta’ attrici ihallas lill-konvenut id-danni likwidati.

Bl-ispejjez u l-atturi in subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta’ attrici rikonvenuta, li permezz taghha ddikjarat illi preliminarjament, dan it-Tribunal m’ghandux kompetenza *ratione materiae* biex jikkonsidra u jiddeciedi t-talbiet tal-konvenut rikonvenjenti, u dan stante l-fatt illi, bir-rispett, dan it-Tribunal ghandu gurisdizzjoni biex jisma’ u jaqta’ biss it-talbiet kollha ta’ flus ta’ ammont ta’ mhux izjed minn tlett elef erbgha mija u erbgha u disghin ewro u sitt centezmi (€3,494.06c) u dan *ai termini* tal-Artikolu 3(2) tal-Kap. 380 tal-Ligijiet ta’ Malta; Illi in oltre u wkoll in linea preliminari, il-kontro-talba intavolata mill-konvenut rikonvenjenti hija nulla u bla effett *ai termini* tal-Artikolu 789(1)(d) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, stante illi l-kontro-talba mhijiex konnessa mat-talba tas-socjeta’ attrici rikonvenuta, hekk kif rikjest fl-Artikolu 396 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta; Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu t-talbiet tal-konvenut rikonvenjenti huma infondati kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt, u dan kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjez.

Ra s-sentenza preliminari li nghatat minn dan it-Tribunal datata 23 ta' Mejju, 2011, li permezz taghha gew michuda l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta' attrici rikonvenuta.

Ra s-sentenza li nghatat mill-Onorabbli Qorti tal-Appell, datata 21 ta' Frar, 2012, li permezz taghha l-appell interpost mis-socjeta' attrici rikonvenuta gie michud, u s-sentenza preliminari ta' Prim' Istanza giet ikkonfermata.

Semgha x-xhieda tal-partijiet u tax-xhieda mressqa minnhom, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Ra n-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidra,
Illi in forza ta' din l-azzjoni s-socjeta' attrici qed titlob hlas minghand il-konvenut tas-somma ta' elf mitejn u sittax-il ewro tlieta u ghoxrin centezmu (€1,216.23), liema ammont jirraprezenta l-prezz ta' reklami li saru mis-socjeta' attrici fuq inkarigu tal-konvenut fil-magazine maghruf bl-isem "The Bargain Magazine". Illi dan il-prezz jirrizulta minn tliet-(3) fatturi, u cioe' fattura numru 12808 (a fol.63), li ghalkemm hija tal-valur ta' disgha mija u tnejn u sittin ewro u tlett centezmi (€962.03c), sar hlas akkont fl-ammont ta' tmien mija u hamsa u erbghin ewro u sitta u hamsin centezmu (€845.56c) (a fol.66), u ghalhekk il-bilanc dovut jammonta ghal mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47c); fattura numru 14233 (a fol.64) tal-valur ta' hames mija u disgha u erbghin ewro u tmienja u tmenin centezmu (€549.88c) u fattura numru 14404 (a fol.65) tal-valur ta' hames mija u disgha u erbghin ewro u tmienja u tmenin centezmu (€549.88c). Illi dawn il-hlasijiet huma dovuti in konnessjoni ma' reklami li saru mill-konvenut skond *booking form* (a fol.68) li tittratta dwar reklami li saru fil-perjodu bejn Dicembru, 2007 sa Settembru, 2008. Illi l-*financial controller* tas-socjeta' attrici ddikjara illi l-ilment tal-konvenut huwa dwar *Issue* 115, li hareg f'Settembru, 2008, liema ilment kien in rigward konkorrenza sleali minn kompetitur tieghu, li ghamel reklam simili hafna fl-istess edizzjoni tal-magazine in kwistjoni, u ddikjara wkoll illi l-konvenut ma rreklamax aktar mas-socjeta' attrici wara Settembru, 2008.

Illi d-direttur tas-socjeta' attrici ddikjara illi l-ilment tal-konvenut kien fir-rigward ta' *Issue* 115 ta' "The Bargain Magazine", u dan in kwantu sar reklam minn kompetitur tal-konvenut

f'din l-edizzjoni ta' dan il-magazine, li kien simili hafna ghal dak tal-konvenut. Illi l-istess direttur iddikjara illi ma jifakarax jekk l-*art work* relattiv ghal dan ir-reklam giex imhejji mis-socjeta' attrici, fuq inkarigu tal-konvenut, jew jekk il-konvenut ipprovdix dan l-*art work* hu stess. Iddikjara wkoll illi l-ilment tal-konvenut kien principalment in rigward *catch phrase* li tintuza minnu fir-reklamar, u li giet riprodotta fir-reklam tal-kompetitur.

Illi xehdet ir-rapprezentant tal-kumpanija tal-ivvjaggar li l-konvenut iddikjara li kienet kompetitur tieghu, u din sostniet illi r-reklami li dwarhom kien qed jilmenta l-konvenut kienu daqstant simili ghaliex kien avvicinaha l-istess konvenut u wara li qalilha sabiex tmur l-ufficju tieghu sabiex ikellimha, talabha illi taghmel reklam simili ghal tieghu, bl-unika differenza illi tindika lukanda differenti minn dik li kien qed jirreklama l-konvenut. Illi mill-kumplament, dawn ir-reklami kienu simili ghaliex kienu jittrattaw dwar vjaggi lejn l-istess destinazzjoni fl-istess zmien tas-sena. Illi hi ssostni wkoll illi kien l-istess konvenut illi taha *sample* tar-reklam tieghu, sabiex hi tikkopjah, u dan id-dokument jinsab esebit a fol.109 tal-atti. Illi fil-fehma ta' din l-istess xhud, dan sar sabiex il-konvenut ikollu raguni valida sabiex ma jwettaqx il-hlas tar-reklami. Illi b'referenza ghad-diversi ittri legali indirizzati lis-socjeta' 'Bugeja M. Travel Limited' (a fol.225 sa 227 tal-atti), l-istess xhud iddikjarat illi bl-eccezzjoni tal-ittra datata 2 ta' Dicembru, 2008 (a fol.226), dawn ma kellhom ebda konnessjoni ma' din il-kwistjoni, u kkonfermat illi ghalkemm il-konvenut kien beda jirreklama f'dan il-fuljett qabilha, kien biss wara li avvicinaha l-konvenut illi hi bdiet tirreklama f'din il-publikazzjoni. Hi cahdet illi hadet l-idea tar-reklam minn edizzjonijiet precedenti ta' dan il-magazine, u baqghet issostni illi kien il-konvenut li taha r-reklam biex taghmel wiehed simili.

Illi l-konvenut iddikjara illi jiggestixxi agenzija tal-ivvjaggar, bl-isem "Micallef Joe Travel" u ddikjara wkoll li r-relazzjoni kummercjali tieghu mas-socjeta' attrici kienet fil-perjodu 2008 u 2009. Iddikjara li hu ressaq ilment mas-socjeta' attrici in rigward reklam li kien qed isir minn kompetitur tieghu fil-pubblikazzjoni mgharufa bl-isem "The Bargain Magazine", in kwantu kienu qed jintuzaw frazijiet simili fiz-zewg reklami, u aktar specifikament frazi li l-konvenut kien ilu juza minn meta beda jopera n-negozju tieghu, tant illi anke rregistra din il-frazi mad-Dipartiment tal-Kummerc. Illi din il-frazi, " hadd ma jista jurik Sqallija ahjar!" kienet tintuza mill-konvenut fil-*brochures* li kien ihejji hu stess (a fol.214) , u eventwalment anke rregistraha mad-Dipartiment koncernat f'Ottubru, 2008 (a fol.175). Illi hu ddikjara li kien ircieva telefonata minghand is-socjeta' attrici qabel ma harget l-edizzjoni ta' "The

Bargain Magazine" numru 115 illi kien hemm reklam simili hafna ghal tieghu; illi in segwitu ghal din l-edizzjoni, il-konvenut ma rreklamax aktar f'din il-publikazzjoni mahruga mis-socjeta' attrici. Iddikjara wkoll illi dan il-kompetitur tieghu beda jirreklama f'dan il-fuljett wara li beda l-konvenut, u meta waqaf jirreklama l-konvenut, dan il-kompetitur waqaf ukoll. Illi l-istess konvenut iddikjara li m'ghandu ebda ilment dwar ir-reklam li sar fl-edizzjoni numru 113 ta' "The Bargain Magazine", u l-ilment tieghu huwa f'dak li jirrigwarda l-edizzjoni numru 115. Illi hu ddikjara li ma jaqbilx mal-allegazzjoni li ghamlet Marthese Bugeja, direttur tas-socjeta' Bugeja Travel, fid-deposizzjoni taghha meta hi ddikjarat li l-konvenut tagha l-*proof* tar-reklam tieghu, u li ghalhekk mhux minnu li taha l-kunsens sabiex taghmel reklami simili ghal tieghu; tant hu hekk illi anke bghatilha ittra legali sabiex javzaha ma tibqax taghmel reklami simili ghal tieghu (a fol.226). Illi kien anke wissiha verbalment sabiex ma tkomplix taghmel dawn ir-reklami, u dan id-diskors intqal permezz ta' telefonata li saret fil-presenza ta' habib tieghu, certu Joseph Psaila, li kkonferma li kien prezenti ghal din il-konversazzjoni telefonika, li saret fuq *speaker phone*.

Ikkunsidra,

Illi l-kontestazzjoni tal-konvenut ghat-talba ghall-hlas mressqa mis-socjeta' attrici hija bbazata unikament fuq il-premessa illi l-ammont mhux dovut minnu ghaliex l-istess socjeta' attrici "*kkawzat danni*" lill-konvenut, u dan kif rizultanti mill-kontro-talba tal-istess konvenut rikonvenjenti. Illi ghalhekk – u salv ghal dak dikjarat mill-konvenut dwar il-fattura bin-numru 12808 datata 21 ta' Dicembru, 2007 (a fol.63) illi l-bilanc ta' mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47c) huwa mhallas – il-konvenut mhux qed jikkontesta li r-reklam ma sarx, jew li dan ma sarx skont l-istruzzjonijiet mghotija u d-disinn rikjest; izda jikkontendi illi s-socjeta' attrici naqset mill-obbligi taghha illi taccerta illi fil-publikazzjonijiet stampati minnha ma jkunx hemm konkorrenza sleali min-negozjanti li jkunu qed jirreklamaw is-servizzi jew merkanzija taghhom, u ppermettiet il-publikazzjoni ta' reklam ta' kompetitur tieghu li kien simili hafna ghal dak tal-istess konvenut, bil-konsegwenza illi dan tal-ahhar tilef il-bejgh ta' biljetti. Illi l-istess konvenut iddikjara illi din il-problema rrizultat biss darba, fil-publikazzjoni tal-edizjoni numru 115 tal-fuljett "The Bargain Magazine", izda qed jippretendi li ma jwettaqx il-hlas tar-reklam li sar f'din l-edizzjoni u anke dak precedenti, li deher fl-edizjoni numru 113.

Illi ghalkemm il-konvenut ma ressaq ebda provi dwar l-allegat telf ta' negozju u telf ta' klijenti, jikkontendi illi dawn "*… jistghu jigu kkalkolati skont l-ekwita'*" (a fol.259). Illi fl-

ittra legali datata 11 ta’ Settembru, 2008 (a fol.223), l-istess konvenut kien ‘gia ddikjara mas-socjeta’ attrici l-intenzjoni tieghu illi ma jwettaqx il-hlas ghal dawn iz-zewg reklami, u dan bhala forma ta’ tpacija, jew ahjar, in linea ta’ kumpens ghat-“*…telf ta’ bejgh ta’ biljetti…*” li kien ser igarrab konsegwenza tar-reklam simili ta’ kompetitur tieghu li deher f’dan il-magazine. Illi din l-ittra legali hija datata Settembru, 2008, u cioe’ x-xahar meta din l-istess publikazzjoni tal-magazine in kwistjoni kienet ser tigi ccirkolata fid-djar ta’ Malta. Illi t-Tribunal iqis bhala ferm dubjuza u suspettuza l-konvinzjoni li l-konvenut jidher illi ‘gia kellu illi kien tilef il-bejgh ta’ biljetti ghaliex f’dik l-edizjoni partikolari tal-publikazzjoni “The Bargain Magazine” kien hemm reklam ta’ kompetitur tieghu li kien simili hafna ghal tieghu, u dan f’temp daqstant qasir minn meta l-magazine gie ccirkolat. Illi sussegwentement, u permezz ta’ ittra legali ohra, datata 10 ta’ Ottubru, 2008 (a fol.222), il-konvenut gharraf lis-socjeta’ attrici illi hu kien qed jinhall mill-ftehim li kellu mas-socjeta’ attrici f’dak li jirrigwarda l-kumplament tar-reklami li kien talab lis-socjeta’ attrici li tistampa f’dan il-magazine, u rega’ talab illi jigi kkumpensat ghan-nuqqas tas-socjeta’ attrici.

Illi f’dan l-isfond tal-fatti, it-Tribunal wisq jissuspetta illi dak dikjarat minn Marthese Bugeja fid-deposizzjoni taghha, u cioe’ illi kien il-konvenut stess li taha l-*proof* tar-reklam sabiex taghmel wiehed simili, huwa fil-fatt minnu, u li dan sar sabiex il-konvenut jahrab u jigi ezonerat mill-obbligu tieghu li jwettaq hlas ghal servizz, li rrizulta li nghata lilu. Illi dan qed jinghad fid-dawl tal-fatt illi l-konvenut mhux biss qed jippretendi li ma jhallasx ghar-reklam li sar fl-edizjoni numru 115 tal-magazine, izda anke ghar-reklam li sar fl-edizjoni numru 113 tal-istess magazine, meta dwar dan tal-ahhar ma rrizultat assolutament ebda problema, u l-istess konvenut iddikjara illi ma kellu ebda ilment in rigward.

Illi mit-termini u kundizzjonijiet li jinghataw lill-klijenti tas-socjeta’ attrici, inkluz lill-konvenut meta wettaq il-*booking* tar-reklami, jirrizulta illi s-socjeta’ attrici ghandha d-dritt li tirrifjuta li tistampa reklam li jidhrilha li jista’ jkun in vjolazzjoni ta’ xi provvediment tal-ligi jew tad-drittijiet ta’ terzi (*vide* dik is-sezzjoni intestata *Advertisement Content* tat-termini u kundizzjonijiet a fol.69), izda ghandha wkoll id-diskrezzjoni illi tiddeciedi hi kif l-ahjar tqassam ir-reklami fil-pubblikazzjoni, u ma taghti ebda accertazzjonijiet u garanziji dwar il-mod kif ser jitqassmu r-reklami fil-magazine in kwistjoni (*vide* dik is-sezzjoni intestata *Layout of Advertisements* fl-istess termini u kundizzjonijiet). Illi ghalhekk, u gialadarba r-registrazzjoni mill-konvenut ghall-uzu esklussiv tal-frazi “hadd ma jista jurik Sqallija ahjar!” saret mad-Dipartiment tal-Kummerc fl-20 ta’ Ottubru, 2008, u cioe’ wara l-pubblikazzjoni

tal-edizjoni numru 115 ta' dan il-magazine, l-istess socjeta' attrici sigurament ma kienitx qed tikser xi drittijiet dwar proprjeta' intellettwali li seta' kien igawdi jew jibbenefika minnhom l-istess konvenut f'dak li jirrigwarda l-uzu esklussiv ta' din il-frazi. Illi fi kwalunkwe kaz, u kemm-il darba kien hemm xi nuqqas da parti tas-socjeta' attrici fit-twettiq tal-obbligi kontrattwali taghha mal-konvenut, hi kienet tenuta u marbuta illi tirrifondi lill-klijent – f'dan il-kaz il-konvenut – sa hamsin fil-mija (50%) tal-ispiza ghal dak ir-reklam partikolari. Illi minn qari tan-nota tal-osservazzjonijiet tas-socjeta' attrici (specifikament f'paragrafu 22 tal-istess, a fol.284), jidher illi s-socjeta' attrici kienet disposta li taccetta illi kien hemm nuqqas da parti taghha meta accettat u rriproduciet fil-magazine in kwistjoni r-reklam tat-terz, u ghalhekk jidher illi kienet disposta illi taccetta tnaqqis fil-hlas ta' dak ir-reklam partikolari, u dan *in linea* mat-termini u l-kundizzjonijiet riportati fil-kuntratt li kellha mal-konvenut. Illi ghalhekk, *se mai*, l-ammont dovut mill-konvenut ghal dan ir-reklam fl-edizzjoni numru 115 ta' dan il-magazine, ghandu jigi mnaqqas ghal mitejn erbgha u sebghin ewro u erbgha u disghin centezmu (€274.94c), u cioe' nofs il-valur indikat fil-fattura numru 14404. Illi madanakollu, u mill-provi mressqa mill-partijiet, ma rrizulta ebda nuqqas *da parti* tas-socjeta' attrici li ghandu jwassal ghall-applikazzjoni fil-konfront taghha ta' din is-sanzjoni, u ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-valur tal-fattura bin-numru 14404 datata l-1 ta' Settembru, 2008, ammontanti ghal hames mija u disgha u erbghin ewro u tmienja u tmenin centezmu (€549.88c) ghandu jkun dovut fl-intier tieghu mill-konvenut.

Illi f'dak li jirrigwarda l-bilanc dovut mill-konvenut fuq il-fattura bin-numru 12808 datata 21 ta' Dicembru, 2007, il-konvenut iddikjara illi dan l-ammont mhux dovut ghaliex gie mhallas minnu; madanakollu, l-istess konvenut naqas milli jressaq ebda prova in sostenn ta' din l-allegazzjoni, u gialadarba mid-dokument a fol.66 tal-atti jidher illi gie mwettaq biss hlas ta' parti mill-valur ta' din il-fattura, allura jsegwi illi l-bilanc kien u ghadu dovut mill-istess konvenut.

Illi ghalhekk, filwaqt illi t-Tribunal ser jghaddi sabiex jichad it-talba rikonvenzjonali tal-konvenut rikonvenjenti, ser jghaddi sabiex jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici ghall-hlas tas-somma ta' elf mitejn u sittax-il ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€1,216.23c).

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal qed jichad il-kontrotalba tal-konvenut rikonvenjenti, qed jichad ukoll l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, u qed jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici, u

jordna lill-konvenut ihallas lill-istess socjeta’ attrici s-somma ta’ elf mitejn u sittax-il ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€1,216.23c) bl-imghax mis-16 ta’ Mejju, 2012.

L-ispejjez, bl-eccezzjoni ta’ dawk konnessi mas-sentenzi li nghataw dwar l-eccezzjonijiet preliminari sollevati mis-socjeta’ attrici rikonvenuta, ghandhom jkunu a karigu tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------